

Brussell, 9 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10679/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0216(NLE)**

**ECOFIN 717
CADREFIN 368
UEM 206
FIN 589**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 398 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Ċipru

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 398 final.

Mehmuż: COM(2021) 398 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2021
COM(2021) 398 final

2021/0216 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Ċipru

{SWD(2021) 196 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija ta' Ċipru, u dan ħarrax l-isfidi li kienu jeżistu qabel il-pandemija. Fl-2019, il-prodott domestiku gross *per capita* (PDG *per capita*) ta' Ċipru kien ta' 81 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-Rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali ta' Ċipru naqas b'5,1 % fl-2020 u mistenni jonqos bi 2,1 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fit-terminu l-medju jinkludu mudell ta' tkabbir li jibbaża fuq għadd relattivament baxx ta' sorsi ta' tkabbir u livell għoli ta' stokks ta' dejn privat, pubbliku u estern b'vulnerabbiltajiet fis-settur finanzjarju.
- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lil Ċipru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikulari, il-Kunsill irrakkomanda li tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru r-riżultanti. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, il-Kunsill irrakkomanda lil Ċipru biex isegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu l-medju u jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jsaħħa l-investment. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li jissaħħu r-reżiljenza u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa biex jiġu żgurati servizzi ta' kwalità u affordabbli, inkluż billi jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, u li jiġi żgurat li s-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa ssir operattiva fl-2020, kif ipplanat, filwaqt li tiġi ppreservata s-sostenibbiltà fit-tul tagħha. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lil Ċipru biex jipprovdi sostituzzjoni tal-introjtu adegwat u aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd, biex isaħħa is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, isaħħa is-sensibilizzazzjoni u l-appoġġ għall-attivazzjoni għaż-żgħażagħ, jippromwovi arranġamenti tax-xogħol flessibbli, itejjeb ir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol, iwettaq ir-riforma tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

inkluża l-evalwazzjoni tal-għalliem, u jżid l-involvement tal-impjegaturi u l-parteċipazzjoni tal-istudenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-aċċess affordabbli għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lil Ċipru biex jiżgura aċċess adegwat għall-finanzjament u l-likwidità, speċjalment għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju, jadotta leġiżlazzjoni biex jissimplifika l-proċeduri għal investituri strateġiċi biex jiksbu l-permessi u l-liċenzi meħtieġa, ikompli l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' privatizzazzjoni u jantiċipa proġetti maturi ta' investiment pubbliku u jippromwovi l-investiment privat biex irawwem l-irkupru ekonomiku u jiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, it-trasport sostenibbli, id-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, Ċipru ġie mistieden iżid l-azzjoni biex jindirizza l-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpanji multinazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' pagamenti li jħallu l-pajjiż. Ċipru ngħata wkoll il-parir li jtejjeb l-effiċjenza u l-kwalità, inkluża d-diġitalizzazzjoni (i) tas-sistema ġudizzjarja, inkluż il-funzjonament tal-ġustizzja amministrattiva u r-reviżjoni tal-proċeduri ċivili, iż-żieda tal-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati u (ii) tas-settur pubbliku, inkluż il-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u l-gvernijiet lokali u l-governanza tal-entitajiet tal-istat u jieħu miżuri biex isaħħaħ l-infurzar legali tat-talbiet u jiżgura sistemi affidabbli, sikuri u rapidi għall-ħruġ u t-trasferiment ta' titoli ta' proprjetà u drittijiet ta' proprjetà immobbli. Ċipru ġie mistieden ukoll jiffaċilita t-tnaqqis tas-self improduttiv inkluż billi jstabbilixxi struttura ta' governanza effettiva tal-kumpanija maniġerjali tal-assi tal-Istat, jieħu passi biex itejjeb id-dixxiplina tal-pagamenti u jsaħħaħ is-superviżjoni tal-kumpanji li jakkwistaw il-kreditu u fis-settur finanzjarju mhux bankarju, inkluż billi jintegra bis-sħiħ is-superviżuri tal-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, Ċipru ġie mistieden jaċċellera r-riformi kontra l-korruzzjoni, jissalvagwardja l-indipendenza tal-prosekuzzjoni u jsaħħaħ il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-mument tas-sottomissjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar it-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru riżultanti għet implimentata bis-sħiħ.

- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² għal Ċipru. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li Ċipru qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, b'mod partikolari relatati ma' stokks għoljin ta' dejn estern, tal-gvern u privat, u self improduttiv li għadu għoli, flimkien ma' defiċit sostanzjali fil-kont kurrenti.
- (4) [Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro rrakkomandat lill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro biex jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru u biex ikomplu jtejjbu l-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll li jissaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, li tiġi żgurata l-

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

istabbiltà makrofinanzjarja, li tiġi kkompletata l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u li jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro.] [Jekk ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma tiġix adottata sal-adozzjoni tas-CID, neħħi din il-premessa.]

- (5) Fis-17 ta' Mejju 2021, Ċipru ppreżenta l-pjan nazzjonali tiegħu għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, ta' awtoritajiet lokali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. Is-sjeda nazzjonali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza qed tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (6) Jenħtieġ li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jsegwu l-oġġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/241 u tal-Istrument ta' Rkupru tal-UE stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094³ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Jenħtieġ li dawn jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmijin fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (7) L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat ta' investiment u riformi madwar l-Unjoni. Permezz tal-implimentazzjoni kkoordinata u simultanja ta' dawn ir-riformi u l-investimenti u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntieri, dawn ir-riformi u l-investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni kollha. Għalhekk, mistenni li madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegi tal-Istati Membri jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħrajn.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a) u t-Taqsima 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmijin fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat.
- (9) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonsisti f'sett wiesa' u bbilanċjat ta' riformi u investimenti li jappoġġa l-indirizzar tal-isfidi ta' politika ewlenin tas-soċjetà u l-ekonomija Ċiprijotti, filwaqt li fl-istess ħin jirreaġixxi b'mod adegwat għall-impatti tal-pandemija tal-COVID-19. Il-pjan mfassal madwar l-oġġettiv globali tat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekonomija u l-potenzjal tal-pajjiż għal tkabbir u benessri fit-tul ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli. Il-pjan jiffoka fuq ħames assi ta' politika prijoritarji: is-saħħa u l-protezzjoni ċivili; it-tranżizzjoni lejn

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

ekonomija ekoloġika; ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija; it-trasformazzjoni diġitali; u s-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-kapital uman. Il-pjan jispjega b'mod ċar kif kull assi ta' politika jikkontribwixxi għas-sitt pilastri msemmijin fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. Dan jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv u koerenti.

- (10) Il-pjan għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-emissjonijiet għoljin ta' gassijiet b'effett ta' serra, il-lakuni fil-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-bijodiversità u l-organiżmi selvaġġi. Il-miżuri f'dan il-kuntest jinkludu l-introduzzjoni ta' tassazzjoni ekoloġika, riforma tas-suq tal-elettriku akkumpanjata minn faċilitazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli, rinnovazzjonijiet tal-istokk tal-bini bil-ħsieb li jkun hemm titjib fl-effiċjenza enerġetika, ekoloġizzazzjoni tal-istokk tal-vetturi, protezzjoni min-nirien fil-foresti, protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar u ġestjoni intelliġenti tal-ilma. Il-pjan jinkludi wkoll miżuri bl-għan li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali, b'enfasi fuq il-konnettività u s-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku, u li jintegraw it-tħassib dwar id-diġitalizzazzjoni f'miżuri f'oqsma oħrajn, bħal fir-riforma tas-sistemi tal-ġustizzja, tas-saħħa u tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Id-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, hija appoġġata permezz ta' miżuri diretti bl-għan li jżidu l-produttività u l-kompetittività tagħhom. It-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv mistenni jitravwem permezz ta' miżuri li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament tal-kumpaniji, riformi u investimenti mmirati fir-riċerka u l-innovazzjoni, riforma fl-edukazzjoni li tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati kemm il-kwalità tal-eżiti edukattivi kif ukoll il-ħtieġa li jitnaqqsu d-distakki soċjoekonomiċi, u l-appoġġ għal taħlita ta' enerġija aktar nadifa u impronta tal-karbonju tal-ekonomija iċken b'mod ġust u inklużiv. B'mod parallel, komponent iddedikat għall-istabbiltà finanzjarja u fiskali għandu l-għan li jsaħħaħ is-solidità tas-settur bankarju, itejjeb il-funzjonament tal-qafas tal-insolvenza u jipprevjeni dejn privat għoli, flimkien ma' sistema tat-taxxa aktar effettiva u ġusta, u b'hekk itejjeb ir-reżiljenza tal-ekonomija. Il-pjan jikkontribwixxi wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ekonomija Ċiprijotta fir-rigward tal-kompetittività, il-produttività u l-bżonn tad-diversifikazzjoni tal-mudell tat-tkabbir permezz ta' riformi u investimenti fis-settur agroalimentari, il-manifattura haġifa, it-turiżmu sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari.
- (11) Il-pjan jikkontribwixxi għat-tiħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza ta' Ċipru mal-Unjoni permezz ta' miżuri li jtejbu l-aċċessibilità, ir-reżiljenza u l-kwalità tas-sistemi tas-saħħa tal-kura fit-tul, għar-rinnovament tal-infrastruttura soċjali, għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku, biex jagħmel l-aċċess għall-infrastrutturi diġitali aktar ugwali, u għat-tiħiħ tal-impjegi u l-appoġġ soċjali għal gruppi aktar vulnerabbli. Xi wħud minn dawk il-miżuri jenħtieġ li jkunu ta' benefiċċju wkoll għas-saħħa u għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali u jenħtieġ li jaġixxu f'sinerġija ma' riformi u investimenti mmirati oħrajn, bħall-għeluq ta' lakuni fis-sistema tal-protezzjoni soċjali, it-tnaqqis tal-ispariġġ fil-ħiliet fis-suq tax-xogħol permezz ta' inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kif ukoll gwida, u l-immodernizzar u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni u s-servizzi pubbliċi, inklużi l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tas-saħħa. Il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażaġħ huma wkoll prominenti fil-pjan, li jkopru l-modernizzazzjoni u t-titjib tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal aktar aċċessibbli, sensibilizzazzjoni aħjar taż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni,

impjeg jew taħriġ, u appoġġ fil-livelli kollha għall-iżvilupp ta' ħilet rilevanti għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) u t-Taqsima 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, indirizzati lil Ċipru jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħrajn adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (13) Il-pjan jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Ċipru mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020. Bl-indirizzar tal-isfidi msemmijin fuq, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi⁴ li qed jesperjenza Ċipru, b'mod partikolari fir-rigward ta' stokks għoljin ta' dejn estern, tal-gvern u privat, u self improduktiv li għadu għoli, flimkien ma' defiċit sostanzjali fil-kont kurrenti.
- (14) L-espansjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna f'żoni li mhumiex moqđijin tajjeb u l-bini ta' sistema ta' kejbils biex ikunu "lesti għall-Gigabits" mistennjin itejbu l-konnettività tal-internet f'Ċipru u jippromwovu l-adozzjoni tagħha. Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-gvern u l-introduzzjoni tal-ġustizzja elettronika, is-saħħa elettronika u l-bliet intelliġenti mistennjin jgħinu fit-tranżizzjoni diġitali. Barra minn hekk, il-pjan mistenni jtejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika billi jsaħħaħ ir-rwol strateġiku tad-dipartiment tal-persunal u l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tal-ministeri kompetenti biex jimplimentaw aħjar il-politiki tal-amministrazzjoni pubblika u l-funzjonijiet tar-riżorsi umani, jintroduċi qafas ġdid għall-mili tal-postijiet tax-xogħol battala fis-servizz pubbliku u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjegati. L-introduzzjoni ta' qafas legali ġdid għall-gvernijiet lokali mistennija ttejjeb il-funzjonament tagħhom. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' awtorità kontra l-korruzzjoni mistenni jgħin fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod aktar effettiv, li għandu jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet fl-użu tal-fondi pubbliċi. Il-pjan jinkludi miżuri li mistennija jindirizzaw il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa ta' Ċipru li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, b'mod partikolari minn kumpaniji multinazzjonali, inkluża l-introduzzjoni ta' taxxi minn ras il-għajn għal pagamenti ta' dividendi, pagamenti ta' royalties u mgħax li jtitilqu l-pajjiż.
- (15) L-istabbiliment ta' sistema nazzjonali ta' sħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati u l-aġġornament tal-kurrikuli edukattivi tal-iskejjel sekondarji biex jittejjeb l-litteriżmu diġitali, il-ħilet personali u l-ħilet intraprenditorjali, flimkien ma' bosta skemi ta'

⁴ Dawn l-iżbilanċi makroekonomiċi jirreferu għar-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u fl-2020.

taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet diġitali, ekoloġiċi, blu u intraprenditorjali fost gruppi differenti tal-popolazzjoni, mistennjin itejbu l-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tas-sistema ta' skemi ta' inċentivi għar-reklutaġġ u l-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni għas-servizzi tal-impjiegi pubbliċi mistennjin itejbu l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u l-kwalità tas-servizzi. L-għoti ta' konsulenza u gwida kif ukoll skema ta' inċentivi għar-reklutaġġ għaż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ mistennjin isaħħu s-sensibilizzazzjoni u l-appoġġ ta' attivazzjoni għaż-żgħażaġh. Is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ mistennija titejjeb permezz ta' sistema ġdida ta' evalwazzjoni tal-għalliema u tal-iskejjel, bl-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali li jindirizza l-ispariġġ fil-ħiliet, bl-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja b'xejn mill-età ta' erba' snin u bil-bini ta' żewġ skejjel tekniċi mudell li jkomplu jsaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Barra minn hekk, l-investimenti fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u l-adozzjoni ta' strateġija u pjan ta' azzjoni nazzjonali mistennjin itejbu l-kwalità u l-affordabbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Il-pjan jipprevedi wkoll liġi li tirregola l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli fil-forma ta' telexogħol u l-estensjoni tal-protezzjoni soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-ħaddiema f'forom ġodda ta' impjeg f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti. L-implimentazzjoni tal-pjan mistennija ssaħħa il-kapaċità, il-kwalità u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni ċivili permezz ta' miżuri li għandhom l-għan li jaġġornaw it-tagħmir u jstabbilixxu sistemi ta' informazzjoni ddedikati għal hekk, flimkien mal-promozzjoni tal-investimenti fis-sistemi ta' komunikazzjoni u s-Saħħa elettronika. Huma previsti wkoll l-estensjoni u l-kostruzzjoni ta' unitajiet addizzjonali tal-kura speċjalizzata.

- (16) It-twaqqif ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali u l-introduzzjoni ta' programmi u skemi ta' finanzjament mistennjin itejbu l-aċċess għall-finanzi u l-likwidità, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. L-iskemi ta' għotjiet għar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll it-twaqqif ta' uffiċċju ċentrali għat-trasferiment tal-għarfien mistennjin iżidu l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni.
- (17) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li mistennjin jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-pjan jippromwovi produzzjoni u użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija permezz ta' bosta miżuri, li jinkludu tassazzjoni ekoloġika, il-ftuħ tas-suq tal-elettriku, appoġġ għall-investimenti ekoloġiċi u proġetti ta' rinnovazzjoni enerġetika tal-istokk tal-bini u infrastruttura oħra. Il-pjan jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni kontra n-nirien fil-foresti u l-protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar. Miżuri relatati mal-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma għandhom l-għan li jnaqqsu t-telf tal-ilma, jaġġornaw l-infrastruttura eżistenti u l-ġestjoni tal-ilma. Barra minn hekk, l-investimenti f'vetturi b'emissjonijiet zero jew baxxi kif ukoll fid-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport huma previsti li jippromwovu t-trasport sostenibbli.
- (18) Il-pjan għandu l-għan li jnaqqas ir-riskji fis-settur bankarju relatati ma' self improduttiv li ntiret permezz ta' pjan ta' azzjoni ddedikat għal hekk kif ukoll permezz ta' miżuri li jtejjbu l-ambjent tax-xogħol għall-akkwirenti tal-kreditu u s-servizzjanti tal-kreditu. Fir-rigward tad-dejn privat għoli u d-dixxiplina tal-pagamenti, il-pjan jippreżenta monitoraġġ imtejjeb tad-djun, titjib fil-funzjonament tal-qafas tal-insolvenza, u strateġija għall-ġlieda kontra l-illitteriżmu finanzjarju. Superviżjoni mtejjba tas-setturi tal-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet mistennija tinkiseb

permezz ta' żieda fir-riżorsi umani disponibbli u titjib tal-għodod superviżorji disponibbli.

- (19) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza ta' Ċipru, minkejja li Ċipru ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Klawżola Liberatorja Ġenerali.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c) u t-Taqsima 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Istat Membru, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isahha il-koeżjoni u l-konverġenza ekonomiċi, soċjali u territorjali fl-Unjoni.
- (21) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-pjan għandu l-potenzjal li jżid il-PDG ta' Ċipru b'bejn 1,1 % u 1,8 % sal-2026⁵. Il-pjan jinkludi sett wiesa' ta' investimenti fil-kapital fiżiku u uman u riformi li mistennija jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fl-impjiegi. Il-pjan għandu l-għan li jaċċellera l-irkupru ekonomiku f'Ċipru u li jstabilixxi l-bażi għal mudell ta' tkabbir sostenibbli fit-tul. Il-miżuri inklużi fil-pjan mistennija jnaqqsu l-vulnerabbiltà tal-pajjiż għax-xokkijiet billi jtejbu l-potenzjal tat-tkabbir, joħlqu l-impjiegi u jżidu r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali. Il-pjan mistenni wkoll jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki li joħlqu opportunitajiet indaq għat-tfal kollha u jżidu l-impjeg taż-żgħażaġh, u jgħinu lil Ċipru jkun soċjetà inklużiva b'aċċess tajjeb għall-kura tas-saħħa u ekonomija produttiva u sostenibbli.
- (22) Il-pjan Ċiprijott jindirizza l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet u l-isfidi soċjali rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Biex jitravmu opportunitajiet indaq u aċċess għas-suq tax-xogħol, il-pjan jipproponi riformi biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, tiġi mmodernizzata s-sistema ta' evalwazzjoni tal-għalliema u tal-iskejjel u jiġi indirizzat l-ispariġġ kumplessiv fil-ħiliet. Huma previsti wkoll investimenti biex jiġu aġġornati l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u biex jiġi pprovdut appoġġ ta' attivazzjoni għaż-żgħażaġh, li jikkumplimentaw l-azzjonijiet tal-Fond Soċjali Ewropew Plus. Biex itejjeb id-dinamika tas-suq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, Ċipru ppropona għadd ta' miżuri, inklużi dawk leġiżlattivi, biex l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli jkunu disponibbli b'mod aktar wiesa'. Il-pjan jieħu approċċ integrat għas-servizzi tas-suq tax-xogħol u l-politiki bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, f'konformità mar-

⁵ Simulazzjonijiet bħal dawn jirriflettu l-impatt kumplessiv tal-NGEU, li jinkludi wkoll finanzjament għal ReactEU, u aktar finanzjament għal Orizzont Ewropa, InvestEU, JTF, l-Iżvilupp Rurali u RescEU. Simulazzjoni bħal din ma tinkludix l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali.

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi⁶. Il-grupp ewlieni fil-mira huwa ż-żgħażaġh, bil-pjan jinkludi inċentiv immirat għar-reklutaġġ assoċjat mat-taħriġ. Biex jittejjbu l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, il-pjan jipproponi miżuri li jappoġġaw id-destituzzjonalizzazzjoni u s-servizzi tal-kura fit-tul.

- (23) Il-pjan jippreżenta sett komprensiv ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-suq tax-xogħol u biex tittejjeb il-koeżjoni soċjali. Dawn il-miżuri jinkludu riformi u investimenti fl-edukazzjoni u l-ħiliet, politiki ta' attivazzjoni u servizzi soċjali, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, l-immodernizzar tas-suq tax-xogħol, u ż-żieda tal-inklużjoni soċjali. Il-pjan jipprovdi mmappjar dettaljat ta' interventi partikolari biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet identifikati mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li tirfed il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
- (24) Il-pjan fih riformi tal-amministrazzjoni pubblika li għandhom l-għan li javvanzaw id-diġitalizzazzjoni tal-gvern, li jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini u d-ditti u li jħaffu aktar l-ippjanar u l-approvazzjoni ta' proġetti ta' investiment pubbliku. Dawn il-miżuri mistennija jagħmlu l-klima kummerċjali aktar favorevoli għall-investiment fit-tul u l-ekonomija iktar kompetittiva, billi jiżguraw servizzi governattivi diġitali effiċjenti u jippermettu effetti li jsaħħu l-produttività fit-tul.

Tagħmilx ħsara sinifikanti

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d) u t-Taqsima 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (26) Għal kull waħda mill-miżuri, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru mistenni jiżgura li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lil ebda wieħed mis-sitt objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. Ċipru pprovda ġustifikazzjonijiet f'konformità mal-gwida teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" tal-Kummissjoni Ewropea (2021/C 58/01).
- (27) Għal xi miżuri li jkunu meħtieġa sejħiet għal proposti jew sejħiet għal espressjonijiet ta' interess għalihom biex jintgħażlu proġetti speċifiċi fil-futur, il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jenħtieġ li jiġi rrispettat billi, permezz ta' objettivi intermedji xierqa assoċjati ma' dawn il-miżuri, jiġi żgurat li t-termini ta' referenza tas-sejħiet għal proposti jew tas-sejħiet għal espressjonijiet ta' interess ikun fihom kriterji ta' esklużjoni biex jiġi evitat li jintgħażlu attivitajiet li jistgħu jagħmlu ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u t-Taqsim 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 41 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (29) F'termini ta' kontribuzzjoni għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni relatati mal-klima u mal-enerġija għall-2030, l-implimentazzjoni tal-pjan mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' wħud mill-isfidi ta' politika ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Pjan Nazzjonali Ċiprijott għall-Enerġija u l-Klima. Il-pjan jinkludi riformi relatati mal-introduzzjoni ta' tassazzjoni ekoloġika, il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku, l-iffaċilitar tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija fil-bini u l-aċċellerazzjoni tal-mobilità elettrika. Il-pjan jinkludi wkoll firxa wiesgħa ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli mmirati lejn l-unitajiet domestiċi, l-intrapriżi, il-muniċipalitajiet u s-settur pubbliku usa' u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi. Il-pjan jinkludi investimenti relatati mat-tredija fuq skala kbira ta' meters intelliġenti, kif ukoll il-proġett tal-Interkonnettur Ewro-Ażjatiċu, li għandu jgħin il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi aktar nodfa, b'mod partikolari sorsi rinnovabbli. Il-pjan jippromwovi wkoll is-sostituzzjoni ta' vetturi konvenzjonali b'vetturi b'emissjonijiet zero jew baxxi, l-użu ta' fjuwils u mezzi ta' trasport alternattivi u aktar nodfa, kif ukoll l-użu tat-trasport pubbliku.
- (30) L-implimentazzjoni tal-pjan mistenni jikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tal-Unjoni dwar il-politika ambjentali b'enfasi qawwija fuq il-ġestjoni tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari. Il-pjan jinkludi riforma tal-ġestjoni tal-ilma, kif ukoll sett ta' investimenti interrelatati u ta' tisħiħ bl-għan li jimmodernizzaw il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u jagħmluha aktar sostenibbli. Il-pjan jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-ekonomija ċirkolari fis-settur tat-turiżmu u fis-settur industrijali kif ukoll li jżidu l-prattiki sostenibbli tal-ġestjoni tal-iskart, inkluż ir-riċiklaġġ. Il-pjan jindirizza wkoll l-isfidi tal-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' għadd ta' miżuri protettivi u preventivi fl-oqsma tal-protezzjoni kontra n-nirien fil-foresti u l-ġestjoni kontra l-għargħar. Il-preservazzjoni tal-bijodiversità hija indirizzata b'miżura waħda li tiffoka fuq il-protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar mill-perikli.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u t-Taqsim 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 23 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 2021/241.
- (32) B'shem sinifikanti tal-pakkett baġitarju u bi prominenza tal-aspetti diġitali fil-maġġoranza tal-komponenti tiegħu, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza propost minn Ċipru jagħmel enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni diġitali u l-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha fis-setturi kollha.

- (33) Kważi kull komponent jinkludi miżuri li jappoġġaw direttament it-tranżizzjoni diġitali jew li jindirizzaw l-isfidi relatati. L-aktar kontribuzzjonijiet importanti ġejjin minn komponenti ddedikati għall-infrastruttura tal-konnettività u d-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku, segwiti mit-tliet komponenti li jindirizzaw il-ġustizzja elettronika, l-istabbiltà fiskali u finanzjarja u l-appoġġ tal-ħiliet diġitali. Għalhekk, il-miżuri relatati mat-tranżizzjoni diġitali, jew mal-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha, huma mifruxa fil-pjan kollu. Dawn mistennija jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali ta' bosta setturi ekonomiċi u soċjali, bħall-edukazzjoni jew is-settur tas-saħħa, u għall-indirizzar tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż li jirriżultaw mit-tranżizzjoni diġitali.

Impatt dejjiemi

- (34) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g) u t-Taqsima 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni jkollu impatt dejjiemi fuq Ċipru (Klassifikazzjoni A).
- (35) Il-pjan jippreżenta sensiela ta' miżuri bl-għan li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali u li jindirizzaw il-livell baxx tas-servizzi pubbliċi diġitali. Il-miżuri inklużi mistennija jiżguraw kopertura bi broadband b'kapaċità għolja haħna, fiss u bla fili, inkluż għall-mowbajl, jiġifieri 5G, għal 100 % tal-popolazzjoni li tgħix f'komunitajiet organizzati, inkluż il-varar tal-5G tul il-kuriturri terrestri ewlenin, u li jippermettu aċċess universali u affordabbli għall-konnettività tal-Gigabits fiż-żoni urbani u rurali kollha, inkluża l-konnettività 5G. Il-pjan għandu l-għan ukoll li jippromwovi l-gvern elettroniku b'sett ta' riformi u investimenti. Il-proġetti diġitali, bħat-trasformazzjoni diġitali tal-qrati, il-bliet intelliġenti u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-tfassil tal-lijijiet flimkien ma' proġetti għat-titjib tas-sistema ta' ġestjoni, l-evalwazzjoni u r-reklutaġġ tal-persunal fl-amministrazzjoni pubblika u bidla radikali tal-awtoritajiet lokali mistennija jagħmlu bidla strutturali u dejjiema fil-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u tas-sistema ġudizzjarja, li fl-aħħar mill-aħħar għandha ttejjeb l-ambjent tan-negozju. L-istabbiliment ta' awtorità indipendenti biex tikkoordina u tissorvelja miżuri għall-għieda kontra l-korruzzjoni huwa element ewleni tal-pjan li jikkonċerna l-bidla strutturali fl-istituzzjonijiet.
- (36) L-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti prevista fil-pjan Ċiprijott mistennija ġġib magħha bidliet dejjiema fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fis-suq tax-xogħol. Il-pjan jinkludi riformi maġġuri fis-sistema edukattiva, bħall-introduzzjoni ta' sistema ġdida għall-evalwazzjoni tal-għalliema u tal-iskejjel, l-estensjoni tal-edukazzjoni preskolastika obbligatorja b'xejn u l-adattament tal-kurrikuli tal-edukazzjoni għolja u sekondarja skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-pjan fih ukoll il-provvediment ta' taħriġ biex jitrawmu l-ħiliet diġitali tal-istudenti, tal-persuni impjegati u tal-persuni qiegħda. Barra minn hekk, il-pjan jinkludi l-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali komprensiva biex tindirizza l-ispariġġ fil-ħiliet kif ukoll it-tħejjija ta' strateġija nazzjonali għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Dawn il-miżuri mistennija jtejjbu l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-etajiet kollha u l-prestazzjoni tal-istudenti u jagħmlu konnessjonijiet aħjar bejn is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol.
- (37) L-impatt dejjiemi tal-pjan jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn il-pjan u programmi oħrajn iffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali u billi jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h) u t-Taqsima 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-oġettivi intermedji u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (39) Il-Kumitat ta' Monitoraġġ, ippresedut mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Programmi, il-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp Ewropej (Directorate General for European Programmes, Coordination and Development, "DG EPCD") u li għalih jattendu d-Diretturi Ġenerali tal-Ministeri u l-Viċi Ministeri involuti fil-pjan, huwa responsabbli għall-monitoraġġ ċentrali tal-progress fl-implimentazzjoni. Ir-responsabbiltà kumplessiva għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija assenjata lid-Direttorat għall-Irkupru u r-Reżiljenza tad-DG EPCD, li huwa l-Awtorità ta' Koordinazzjoni. Ir-rwol tiegħu jikkonsisti fil-koordinament tal-implimentazzjoni tal-miżuri, fiċ-ċertifikazzjoni tal-kisba tal-oġettivi intermedji u l-miri, fl-abbozzar ta' rapporti ta' progress, u fil-kollegament mal-Kummissjoni, inkluż is-sottomissjoni ta' talbiet għal pagament skont ir-Regolament (UE) 2021/241. F'dan ir-rwol huwa assistit minn żewġ korpi ta' monitoraġġ speċjalizzati li jiċċertifikaw il-kisba tal-oġettivi intermedji u l-miri għall-miżuri fil-pjan li jeħtieġu kontribut speċjalizzat. L-implimentazzjoni tal-bosta investimenti u riformi fil-pjan hija r-responsabbiltà tal-korpi ta' implimentazzjoni.
- (40) L-oġettivi intermedji u l-miri tal-pjan Ċiprijott jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan. Huma ċari, realistiċi u komprensivi biżżejjed biex jiżguraw li t-tlestija tagħhom tista' tiġi traċċata u vverifikata u li l-indikaturi proposti għal dawk l-oġettivi intermedji u l-miri jkunu rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-oġettivi intermedji u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew u li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-twertiq sodisfaċenti ta' dawn l-oġettivi intermedji u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba ta' żborż. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-għbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mill-awtoritajiet Ċiprijotti jidhru robusti biżżejjed biex jiġġustifikaw b'mod adegwat it-talbiet għal żborż ladarba l-oġettivi intermedji u l-miri jiġu vvalutati bħala kkompletati.
- (41) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan tagħhom.

Kalkolu tal-ispejjeż

- (42) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) u t-Taqsima 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fil-pjan dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija sa punt moderat (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli u hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (43) Għall-maġġoranza tal-miżuri, l-informazzjoni dwar il-kalkolu tal-ispejjeż ipprovduta hija pjuttost dettaljata, il-metodoloġija hija spjegata sew b'kalkoli li huma faċli biex issewewhom u sostnuti b'evidenza. L-informazzjoni pprovduta tissuġġerixxi li l-ispejjeż ikunu konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti, u b'hekk jappoġġaw il-plawżibbiltà tagħhom. Madankollu, ammont żgħir tal-ispejjeż

għew iwwalutati bħala raġonevoli u plawżibbli biss sa punt moderat. Fl-aħħar nett, l-ispiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji

- (44) Skont l-Artikolu 19(3)(j) u t-Taqsima 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju minn dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħrajn li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-finanzi tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.
- (45) Is-sistema ta' kontroll u verifika żviluppata minn Ċipru hija mfassla b'mod koerenti biex tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2021/241. B'mod partikolari, sakemm tiġi żviluppata Sistema ta' Informazzjoni ta' Monitoraġġ iddedikata għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-pjan f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' repożitorju tranżitorju adegwata. Jenħtieġ li sistema ta' repożitorju tranżitorju jew is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Monitoraġġ iddedikata għal hekk tirreġistra u taħżen id-*data* rilevanti relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, b'mod partikolari dwar il-kisba tal-oġġettivi intermedji u l-miri, id-*data* dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 20(5), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li Ċipru jimplimenta s-sistema ta' repożitorju tranżitorju jew is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Monitoraġġ iddedikata għal hekk bil-funzjonalitajiet meħtieġa sabiex jikkonforma mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, billi jikkonferma t-tlestija tal-implimentazzjoni tagħha mal-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament. Jenħtieġ li awditu ddedikat tas-sistema jiċċertifika li jkollha l-funzjonalitajiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (46) Is-sistema ta' kontroll intern hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi għall-kontrolli u l-awditi huma ċari, il-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati b'mod xieraq u l-indipendenza tal-atturi li jwettqu l-awditi hija żgurata. L-atturi responsabbli għall-kontrolli għandhom is-setgħa legali u l-kapaċità amministrattiva biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti ppjanati tagħhom. Il-proċeduri deskritti fil-pjan għall-kontrolli u l-verifiki daħlu fis-seħħ u r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti għew definiti permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-pjan. Il-korpi tal-awditjar innominati huma l-Uffiċċju tal-Awditjar tar-Repubblika ta' Ċipru u s-Servizz tal-Awditjar Intern tar-Repubblika ta'

⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.)

Ċipru. Huma għandhom il-mandat li jwettqu awditi *ex post* biex jivverifikaw jekk il-korpi ta' implimentazzjoni jwettqux proċeduri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess, meta jużaw il-fondi pprovduti skont ir-Regolament (UE) 2021/241. Barra minn hekk, hemm arranġamenti ta' kontroll f'bosta livelli mmirati lejn l-evitar tal-finanzjament doppju minn programmi oħrajn tal-Unjoni kif ukoll konformità mar-regoli applikabbli.

Koerenza tal-pjan

- (47) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k) u t-Taqsima 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (48) Ir-riformi u l-investimenti ppreżentati fil-pjan ta' rkupru u reżiljenza ta' Ċipru huma komplementari għal xulxin. Huma bbażati fuq pjan ta' tkabbir komprensiv, li jiżgura l-koerenza tiegħu lejn il-kontribuzzjoni għal żvilupp ekonomiku intelliġenti, inklużiv u sostenibbli fil-futur. Il-ħames assi ta' politika ewlenin tal-Pjan, “Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Effettiva, Protezzjoni Ċivili Msaħħa”, “In-newtralità klimatika, l-effiċjenza enerġetika u l-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli”, “It-tiżiħ tar-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija”, “Lejn era diġitali”, u “Is-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-kapital uman”, huma interkonnessi u jsaħħu lil xulxin. Dawn jinkludu miżuri relatati mat-trasformazzjoni diġitali, li huma faċilitaturi ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika u ċirkolari tal-ekonomija ta' Ċipru. Il-pjan fih ukoll riformi li jsaħħu l-investimenti ppjanati, bħal fis-settur tal-ġestjoni tal-ilma u r-riforma tat-taxxa biex jinċentivaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-investimenti ekoloġiċi. L-assi ta' politika “It-tiżiħ tar-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija” jinvolvi investiment pubbliku biex tingħata spinta lill-kompetittività, jiġu appoġġati l-produttività u t-tkabbir fit-tul u jinħolqu impjegi ġodda, appoġġati minn riformi biex jittejjeb il-qafas istituzzjonali u b'hekk l-ambjent tan-negozju. L-assi tal-politika “Is-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-kapital uman” jikkontribwixxi għall-abilitazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali billi jtejjeb is-sistema tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp tal-ħiliet fil-livelli kollha, u b'hekk jarma lis-soċjetà Ċiprijotta bil-ħiliet neċessarji, filwaqt li jiżgura li t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jkunu ġusti billi jipprijoritizza l-ħolqien ta' impjegi sostenibbli, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh, kif ukoll l-investimenti fis-servizzi tal-kura soċjali, filwaqt li l-assi tal-politika “Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Effettiva, Protezzjoni Ċivili Msaħħa” għandu l-għan ta' aċċess universali għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja u effettivi, inkluż dawk diġitali. Sabiex tiġi promossa koerenza usa' bejn l-istrumenti, b'mod partikolari mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni Ewropea, hija mħeġġa allokkazzjoni territorjali bilanċjata tar-riżorsi.

L-ugwaljanza

- (49) Il-pjan fih sensiela ta' miżuri f'bosta komponenti li mistennija jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Miżuri partikolarment rilevanti jinkludu dawk li għandhom l-għan li jtejjbu l-aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità kif ukoll dawk biex jippromwovu arranġamenti tax-xogħol flessibbli li jiffaċilitaw l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol għal persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, b'mod partikolari n-nisa, l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-iżvantaġġi soċjoekonomiċi. L-isfidi rigward l-intraprenditorija tan-nisa jew l-illitteriżmu finanzjarju tan-nisa akbar

fl-età huma indirizzati wkoll. L-appoġġ għaż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ mistenni jkun ta' beneficiċċju għaż-żgħażaġh minn sfondi vulnerabbli, inkluż dawk bi sfond ta' migrazzjoni. Matul il-pjan, jitqiesu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u hemm inkluż mira kwantitattiva għat-titjib tal-prestazzjoni enerġetika f'unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (50) Il-pjan jinkludi awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti fil-kapaċitajiet diġitali u l-konnettività. Fir-rigward tal-investimenti fil-konnettività, il-pjan jidentifika l-kwistjonijiet ta' sigurtà rilevanti u r-riskji assoċjati u jidentifika l-miżuri ta' mitigazzjoni li jridu jiġu ppromulgati għal kull wieħed minnhom abbażi tal-kriterji oġġettivi komuni inklużi fis-sett ta' għodod tal-UE għaċ-Ċibersigurtà tan-networks 5G.

Proġetti transfruntieri u plurinazzjonali

- (51) Ċipru inkluda żewġ proġetti transfruntieri fil-pjan tiegħu għal interkonnettur tal-elettriku u kejbils sottomarini għall-konnettività tad-*data*. Iż-żewġ proġetti għandhom element transfruntier mal-Greċja. L-ewwel nett, il-kostruzzjoni tal-interkonnettur EuroAsia għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista u prezzijiet bl-ingrossa tal-elettriku aktar kompetittivi, u li jippermetti l-użu akbar tal-elettriku minn sorsi aktar nodfa, b'mod partikolari sorsi rinnovabbli, billi jgħaqqad in-network tal-elettriku ta' Ċipru mas-sistema kontinentali tal-Unjoni permezz man-network Grieg fi Kreta. Dan huwa parti minn investiment usa' li jibni interkonnettur transfruntier b'tul totali ta' 1 208 km bejn Kreta, Ċipru u Iżrael. It-tieni, għall-kejbils sottomarini, il-proġett għandu l-għan li joħloq konnettività tal-internet ċentrali reżiljenti ta' kapacià għolja għal Ċipru permezz ta' link ġdida taħt il-baħar għall-konnettività tad-*data* bejn Ċipru u l-Greċja. Il-varar ta' rotta ċentrali separata ġdida bejn Ċipru u l-Greċja mistenni jappoġġa l-konnettività f'Ċipru. Mistenni wkoll ikollu impatt pożittiv fuq il-kapacià disponibbli u l-offerti kummerċjali ta' konnettività ċentrali meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi ta' veloċità għolja ħafna lill-utenti finali. Fl-aħħar nett, mistenni joffri prestazzjoni oġhla b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-kejbils eżistenti pjuttost antiki.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (52) Abbażi tas-sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni inkluż fil-pjan, il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha b'has-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh ġew ikkonsultati fil-fażi ta' tħejjija tal-pjan f'konformità mal-qafas legali nazzjonali. Fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom, il-Ministeri, is-servizzi governattivi u l-awtoritajiet lokali differenti kienu involuti fi stadju bikri u f'diversi passi fl-elaborazzjoni tal-pjan. Il-Parlament ġie infurmat regolarment bil-kontenut tal-pjan. Barra minn hekk, ġie kkonsultat il-Kunsill tal-Ekonomija u l-Kompetittività ta' Ċipru, li hu ekwivalenti għal bord nazzjonali tal-produttività. Wara l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, parti mir-riformi u l-investimenti ppjanati inizjalment ġew adattati jew tneħħew mill-pjan.
- (53) Proċess ta' koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, mistenni jseħħ ukoll għall-fażi ta' implimentazzjoni tal-pjan. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fil-pjan.

Valutazzjoni pożittiva

- (54) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Ċiprijott bil-konstatazzjoni li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan, l-oġettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-pjan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura u ta' self.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (55) L-ispiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru hija ta' EUR 1 206 400 000. Billi l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal Ċipru, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Ċiprijott jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Ċipru.
- (56) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Ċipru jrid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li issa jkun hemm ammont disponibbli għal Ċipru għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk ikun meħtieġ wara l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, jenħtieġ li l-Kunsill, bi proposta mill-Kummissjoni, jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata mingħajr dewmien żejjed.
- (57) Barra minn hekk, sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, Ċipru talab appoġġ fil-forma ta' self. Il-volum massimu tas-self mitlub minn Ċipru huwa inqas minn 6,8 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-2019 tiegħu fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għal Ċipru u l-appoġġ mitlub fil-forma ta' self.
- (58) L-appoġġ li jrid jingħata se jiġi ffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053⁹. Jenħtieġ li l-appoġġ jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba Ċipru jkun issodisfa b'mod sodisfaċenti l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (59) Ċipru talab prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja u ta' 13 % tas-self. Jenħtieġ li dan l-ammont ikun disponibbli għal Ċipru bil-kundizzjoni tad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Ftehim ta' Self previst fl-Artikolu 15(2) ta' dan ir-Regolament.
- (60) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħliet ir-Regolament (UE) 2021/241 jew għal proċeduri marbutin ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inklużi l-oġġettivi intermedji u l-miri rilevanti u l-oġġettivi intermedji u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbutin mal-issodisfar tal-oġġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Ċipru kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 1 005 946 047¹⁰. Ammont ta' EUR 818 213 837 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Soġġett għall-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 li jikkalkula ammont għal Ċipru daqs jew aktar minn dan l-ammont, ammont ieħor ta' EUR 187 732 210 għandu jkun disponibbli biex ikun impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għal Ċipru f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness. Ammont ta' EUR 130 772 986 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, li huwa daqs 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f'segment wieħed jew f'bosta segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-ħlas tal-pagamenti parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali f'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament għandu jkun kundizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li Ċipru jkun laħaq b'mod sodisfaċenti l-oġġettivi intermedji u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmijin fil-paragrafu 1, biex ikun eliġibbli għal pagament, l-oġġettivi intermedji u l-miri għandhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

¹⁰ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Ċipru tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3
Appoġġ fil-forma ta' self

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Ċipru self li jammonta għal massimu ta' EUR 200 320 000.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għal Ċipru f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness. Ammont ta' EUR 26 041 600 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, li huwa daqs 13 % tas-self. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f'segment wieħed jew f'bosta segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Self previst fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u f'konformità miegħu. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-ħlas tal-pagamenti parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali f'konformità mal-Ftehim ta' Self għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċizzjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li Ċipru jkun laħaq b'mod sodisfaċenti l-oġġettivi intermedji u l-miri addizzjonali koperti bis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Biex ikun eliġibbli għall-pagament, l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti mis-self għandhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

Artikolu 4
Destinatarju

Din id-Deċizzjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President